A.L. 308 ta' l-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti ta' l-2010 dwar Drittijiet li jitħallsu għar-Rendiment tal-Bini fl-Użu ta' l-Enerġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 dwar Drittijiet li jitħallsu għar-Rendiment tal-Bini fl-Użu ta' l-Enerġija.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-16 ta' Novembru, 2009.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra:-

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"applikazzjoni" tfisser rikjesta magħmula minn assessur ta' l-EPB reġistrat sabiex issir ir-reġistrazzjoni taċ-Ċertifikat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija;

"assessur ta' l-EPB" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti ta' l-2008 dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu ta' l-Enerġija. A.L. 261 ta' l-2008.

Applikabilità.

3. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni taċ-Ċertifikati tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija li jiġu ppreżentati minn assessur ta' l-EPB fl-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini.

Dritt li għandu jitħallas.

4. Għandu jitħallas dritt ta' €75 lill-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini, għar-reġistrazzjoni taċ-Ċertifikat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu ta' l-Enerġija, ippreżentat minn assessuri reġistrati.